# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 17 t'Ottubru 2024**

**Rikors ġuramentat numru 567/2024AB fl-ismijiet:**

**North by Northwest GmbH soċjeta rreġistrata ġewwa l-Ġermanja kif irrappreżentata hawn Malta mill-Avukat Dottor Adrian Camilleri (K.I. Nru. 350380M)**
**vs.**
**Il-Bastiment "MSC Valencia" (IMO 9301471)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta rikorrenti fejn hija inter alia ppremettiet li l-bastiment intimat kien bareboat charterers lis-soċjeta MS "MSC Valencia" Schiffahrtsgesellschaft mbH, liema bastiment, fuq ordni tal-bareboat charterer kien ġie fornut b'diversi bunkers. Il-fornituri tal-bunkers ħarġu l-fatturi għal dawn il-bunkers, iżda baqgħu ma tħalsux għalihom mill-bareboat charterers. It-technical manager tal-bastiment, ossija s-soċjeta HAMMONIA Reederei GmbH & Co KG (iżjed l-isfel magħrufa bħala "Hammonia") intervjeniet billi ħalset hija stess għal dawn il-fatturi. B'hekk Hammonia ġiet surrogata fid-drittijiet tal-fornitur għall-bunkers relattivi kontra l-bareboat charterer fir-rigward ta' żewġ fatturi waħda fl-ammont ta' disgħa u erbgħin elf sitt mija sebgħa u tletin Dollaru Amerikan sittin ċenteżmu ($49,637.60) u l-oħra fl-ammont ta' erbgħa u sittin elf ħames mija u ħamsin euro (€64,550). Permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' Novembru 2023, Hammonia assenjat il-kreditu tagħha lis-soċjeta attriċi.

Sussegwentement is-soċjeta rikorrenti ħalset direttament ta' bunkers oħra li ġew fornuti lill-bastiment fuq ordni tal-bareboat charterers, fatturi in konnessjoni mal-assikurazzjoni tal-bastiment nonche fatturi oħra dovuti lill-aġent lokali tal-bastiment fl-ammont ta' sitt mija tnejn u tletin elf seba' mija tlieta u tletin euro wieħed u sittin ċenteżmu (€632,733.61).

B'hekk il-kreditu totali dovut lis-soċjeta rikorrenti ġie jammonta għal disgħa u erbgħin elf sitt mija sebgħa u tletin Dollaru Amerikan sittin ċenteżmu ($49,637.60); flimkien ma l-oħra fl-ammont ta' erbgħa u sittin elf ħames mija u ħamsin euro (€64,550) u sitt mija tnejn u tletin elf seba' mija tlieta u tletin euro wieħed u sittin ċenteżmu (€632,733.61) li flimkien jammontaw għal sitt mija sebgħa u disgħin elf mitejn tlieta u tmenin euro wieħed u sittin ċenteżmu (€697,283.61) liema debitu reklamat f'din il-kawża issa huwa dovut lis-soċjeta attriċi.

Dawn kienu pretensjonijiet li permezz tagħhom is-soċjeta attriċi setgħet tipproċedi in rem kontra l-bastiment li jinsab fl-ibħra territorjali Maltin abbażi tal-art. 742B(o)(t)(x) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante li meta nħolqu dawn l-obbligazzjonijiet il-bareboat charterer kienet in-noleġġatur tal-bastiment intimat.

Stante li l-bastiment intimat ma ħallasx dawn l-ammonti dovuti lis-soċjeta attriċi, hija talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-bastiment intimat għandu jħallas lis-soċjeta rikorrenti s-somma ta' disgħa u erbgħin elf sitt mija sebgħa u tletin Dollaru Amerikan sittin ċenteżmu ($49,637.60) u dan f'ammont ekwivalenti f'euro skont ir-rata tal-kambju viġenti fid-data li tingħata s-sentenza;
2. Tordna u tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas lis-soċjeta rikorrenti s-somma ta' disgħa u erbgħin elf sitt mija sebgħa u tletin Dollaru Amerikan sittin ċenteżmu ($49,637.60) u dan f'ammont ekwivalenti f'euro skont ir-rata tal-kambju viġenti fid-data li tingħata s-sentenza;
3. Tiddikjara li l-bastiment intimat għandu jħallas ukoll is-somma ta' sitt mija sebgħa u disgħin elf mitejn tlieta u tmenin euro wieħed u sittin ċenteżmu (€697,283.61);
4. Tordna u tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas ukoll is-somma ta' sitt mija sebgħa u disgħin elf mitejn tlieta u tmenin euro wieħed u sittin ċenteżmu (€697,283.61)

Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-bastiment intimat u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment intimat, li rappreżentanti tiegħu kienu inġunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti mehmuża mar-rikors ġuramentat;

Rat li l-bastiment intimat ġie debitament notifikat bir-rikors promotur, digriet u l-avviż tas-smiegħ tal-kawża fil-persuna tal-Kaptan tal-bastiment intimat Gennadiy Samofalov fis-27 ta' Settembru 2024;

Rat li l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għall-10 t'Ottubru 2024;

Rat li matul din is-seduta dehret Dr. Abigail Bugeja f'isem il-bareboat charterers MS "MSC Valencia" Schiffahrtsgesellschaft mbH kif ukoll f'isem il-bastiment intimat li rrilevat li skont struzzjonijiet mogħtija lilha kemm mill-bareboat charterers kif ukoll mill-Court Appointed Administrator hija kienet qegħda tammetti t-talbiet kif dedotti.

Il-Qorti kkonfermat ma' Dr. Abigail Bugeja li l-ammissjoni tagħha kienet waħda definittiva u kontermata lilha bil-miktub.

Il-Qorti semgħet ukoll ix-xiehda tal-Kaptan tal-bastiment Gennadiy Samofalov li kkonferma bil-ġurament tiegħu li l-ammonti mitluba fir-rikors promotur kienu dovuti skont kif hemmhekk mistqarr.

Illi f'dan l-isfond, bl-ammissjoni ta' Dr. Abigail Bugeja għan-nom tal-bareboat chaterer u l-bastiment intimat kif konfermat mill-istess kaptan tal-bastiment intimat, il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti ġew soddisfaċentement ippruvati, huma mistħoqqa u għandhom jiġu milqugħa.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti biex b'hekk:**

1. **Tiddikjara li l-bastiment intimat għandu jħallas lis-soċjeta rikorrenti s-somma ta' disgħa u erbgħin elf sitt mija sebgħa u tletin Dollaru Amerikan sittin ċenteżmu ($49,637.60), ekwivalenti għal ħamsa u erbgħin elf ħames mija sebgħa u għoxrin euro sittin ċenteżmu (€45,527.60) skont ir-rata tal-kambju viġenti;**
2. **Tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas lis-soċjeta rikorrenti s-somma ta' disgħa u erbgħin elf sitt mija sebgħa u tletin Dollaru Amerikan sittin ċenteżmu ($49,637.60) ekwivalenti**

għal ħamsa u erbgħin elf ħames mija sebgħa u għoxrin euro sittin ċenteżmu (€45,527.60) skont ir-rata tal-kambju viġenti;

3. Tiddikjara li l-bastiment intimat għandu jħallas ukoll is-somma ta' sitt mija sebgħa u disgħin elf mitejn tlieta u tmenin euro wieħed u sittin ċenteżmu (€697,283.61);
4. Tordna u tikkundanna lill-bastiment intimat sabiex iħallas ukoll is-somma ta' sitt mija sebgħa u disgħin elf mitejn tlieta u tmenin euro wieħed u sittin ċenteżmu (€697,283.61);

Biex b'hekk l-ammont totali li għalih il-bastiment intimat qiegħed jiġi dikjarat li għandu jħallas nonche ikkundannat iħallas lis-soċjeta attriċi bis-saħħa ta' din is-sentenza huwa ta' seba' mija tnejn u erbgħin elf, tminn mija u ħdax il-Euro wieħed u għoxrin ċenteżmu (€742,811.21).

Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-bastiment intimat u bl-imgħax legali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.

Ft/Aaron M. Bugeja,
Imħallef

Christianne Borg
Deputat Reġistratur